Avviż Numru CCT 185/17-F

**George Vassallo**

**vs**

**Pro Gypsum Works**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 t'Ottubru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mitejn u sebgħa u sebgħin ewro, u ħmistax-il ċenteżmi (€277.15), rappreżentanti l-prezz ta' VAT li ħallas għal xogħol ta' gypsum li sar mid-ditta ntimata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lis-soċjeta' ntimata sabiex tagħmillu xogħol ta' gypsum u talbu stima, u fil-fatt is-soċjeta' ntimata ħarġet l-istima. Wara li sar ix-xogħol, s-soċjeta' ntimata ippretendiet li titħallas il-flus ta' fuq l-istima u kif ukoll il-VAT li ma kienx miżjud.

Is-soċjeta' ntimata issottomettiet illi meta ħarġet l-istima ma kienx hemm il-VAT inkluż.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ra kopji oħra ta' stimi u jinnota li hemm ftit tort tas-soċjeta' ntimata li ma niżżlitx li l-istima hija mingħajr VAT, kif ukoll tar-rikorrenti li ma saqsiex jekk din hija bil-VAT jew le.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888